MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 623/2013

**Av. Dottor Anthony Cutajar (numru tal-karta ta' l-identita` 482768 (M)) bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera VEZE SA**

**vs**
**Newland Limited (C – 39674)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-26 ta' Gunju, 2013, li permezz tieghu sintetikament gie espost is-segwenti:

1.1 Illi s-socjeta` rikorrenti kienet tissuplixxi u tbiegh hwejjeg u accessorji tal-"*Versace Collection*" lis-socjeta` intimata;

1.2 Illi tenut kont tas-suespost is-socjeta` intimata ghandha thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta'

wiehed u tletin elf, tmien mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u tmenin centezmu, (€31,864.89);

1.3 Illi nonostante li nterpellata biex thallas l-ammont fuq indikat, is-socjeta` intimata baqghet inadempjendti;

1.4 Illi ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex din:

1.4.1 Tiddikjara lis-socjeta` intimata debitrici fl-ammont ta' wiehed u tletin elf, tmien mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u tmenin centezmu, (€31,864.89 kif fuq indikat u kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur;

1.4.2 Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma fuq riferita;

1.4.3 Bl-ispejjez kif dedotti kontra l-istess sojceta` intimata;

2 Ezaminat id-dokumenti annessi mal-istess rikors guramentat promotur;

3 Semghet lir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti li kkonferma bil-gurament tieghu il-fatti kollha kif gia` esposti fir-rikors guramentat promotur;

4 Tirrileva li nonostante li s-socjeta` intimata giet debitament notifikata bir-rikors guramentat promotur u bl-avviz ghas-smiegh, din is-socjeta` ghazlet li tibqa' inadempjenti u ghalhekk, fi stat ta' kontumacja;

5 Illi din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi takkolji t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

**DECIDE:**

6.0 Illi ghaldaqstant, taqta' u tiddeciedi bil-mod segwenti:

6.1 Illi tiddikjara li s-socjeta` intimata *Newland Limited* hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti *VEZE SA* fl-ammont ta' wiehed u tletin elf, tmien mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u tmenin centezmu, (€31,864.89), kif dedott fl-istess rikors guramentat promotur;

6.2 Illi tikkundanna lis-socjeta` intimata imsemmija thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma indikata fil-paragrafu precedenti;

6.3 Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti mill-10 ta' Settembru, 2012, sad-data tal-effettiv pagament.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------